# In-Nadur fil-Letteratura Nazzjonali Maltija

It-tieni parti

Daniel Meilak

**Ġużè Muscat Azzopardi (1853-1927)**


Ġużè Muscat Azzopardi

Wieħed mill-ewlenin rumanzieri li kitbu rumanzi bil-Malti kien Ġużè Muscat Azzopardi. Twieled fl-1 ta' Settembru 1853, u miet fl-4 t'Awwissu 1927. Dan ma kienx biss awtur u rumanzier, iżda wkoll poeta u politiku, u bħala professjoni kien Prokuratur Legali. Jidher li huwa studja l-istorja ta' Malta biex fiha jkun jista' jambjenta r-rumanzi tiegħu, li allura kienu rumanzi storiċi, li ġew ambjentati fi żmien il-Kavallieri u l-Franċiżi. Iżda fejn kienet il-linja bejn letteratura fittizja u storja fattwali? Muscat Azzopardi jidher li dawn it-tnejn ħawwadhom xi ftit flimkien għaliex waqt li huwa jiddikjara li dawn tiegħu huma stejjer, iżda jesprimi ruħu wkoll li huwa ried li l-poplu jitgħallem l-istorja tiegħu. Kienu rumanzi romantiċi li fihom is-sens patrijottiku jispikka, fejn hemm it-taqbida bejn it-tajjeb u l-ħażin bir-rebħa tat-tajjeb, id-djalettika ta' 'aħna'u 'huma' (f'dal-każ Malta kontra l-barrani, daqqa t-Torok, jew il-Franċiżi jew l-Ispanjoli), u fejn ġeneralment l-eroj dejjem joħroġ rebbieħ.

Wieħed mill-aħjar rumanzi tiegħu huwa *Nazju Ellul*, li ġie ppublikat fl-1909. Ambjentat fi żmien il-ħakma Franċiża f'Malta (1798-1800), ir-rumanz jiċċentra madwar Nazju Ellul li sar iħobb lil Selika. Fl-istess waqt hemm il-ġibda ta' Luċija lejn Mattew Pulis, li iżda ma kinitx reċiprokata. Pulis kien iħobb lil Ġorġina. Dan kollu huwa ambjentat waqt il-konfoffa li xi Maltin kienu qed jagħmlu sabiex jeħilsu lil Malta minn taħt idejn il-Franċiżi, li iżda spiċċat ħażin u grupp ta' Maltin, fosthom il-Professur Dun Mikiel Xerri, ġew xkubettjati. Fl-istorja jidħlu karattri oħrajn, uħud storiċi bħal Guliermu Lorenzi, oħrajn fittizji bħal Dun Belinn, Slaw Gatt u oħrajn. Kien hemm min gideb fuq Nazju u dan spiċċa biex ġie kkundannat għall-mewt u xkubettjat. Aktar tard jiġi ddikkjarat li hu kien innoċenti. Selika tmut fuq il-qabar ta' Nazju. Iżda qabel din il-konklużjoni traġika, Luċija tmur lejn Għawdex ma' Spiru, li kien hu li qed jigdeb fil-konfront ta' Nazju (kapitlu 30):

'L-għada f'nofsinhar, Il-Grieg u Luċija kienu n-Nadur qegħdin jieklu flimkien f'għorfa li kritilhom għal ftit ġranet waħda bidwija; u dik il-fiergħa meta qamu minn fuq il-mejda ħarġet fis-setaħ li minnu kien jidher il-wied kollu ta' taħt dak ir-raħal, b'idha x-xellugija fuq spallet Spiru u b'xuxitha mtajra ma' wiċċu taparsi qiegħda turih b'idha l-oħra dak il-ġmiel ta' ħdura u titfissidlu bħal tarbija.'[1]

Ma nafux kemm kien familjari ma' Għawdex u man-Nadur Ġużè Muscat Azzopardi. Għalfejn għażel li jambjenta l-qagħda ta' Luċija u Spiru f'Għawdex, proprju fin-Nadur, jibqa' misteru. Iżda għal Muscat Azzopardi kien hemm xi aspetti li kienu jolqtuh min-Nadur. Għalih in-Nadur kien il-post fejn tnejn jinħabbu setgħu imorru għal qagħda romantika. In-Nadur kien ifisser 'ġmiel ta' ħdura', minħabba li fih il-widien u veduti mill-isbaħ għax 'minnu kien jidher il-wied kollu ta' taħt dak ir-raħal.' Mal-ħdura u l-wied jikkumplimenta l-aktar mestier komuni u bażiku ta' dak iż-żmien, għax kienet waħda 'bidwija' li kritilhom l-għorfa. Joħorġu wkoll aspetti mill-arkitettura tal-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin bħas-'setaħ' u l-'għorfa' li krew.

**Mary Meilak (1905-1975)**

Minn Ġużè Muscat Azzopardi fil-bidu tas-seklu għoxrin immorru għal nofs is-seklu. Poetessa


Mary Meilak

Għawdxija, mir-Rabat, iżda ta' nisel Naduri kif jixhed kunjomha, Mary Meilak ħalliet diversi xogħolijiet poetiċi li jimmarkawha bħala waħda mill-aħjar poetessi ta' żmienha fuq livell nazzjonali. Kienet l-ewwel mara li ppubblikat antoloġija ta' poeżiji bil-Malti f'Malta. Twieldet fid-9 t'Awwissu 1905 u kienet għalliema. Minbarra l-poeżiji tagħha, hija kienet ukoll awtriċi u kitbet rumanzi varji. Mietet fl-1 ta' Jannar 1975.[2] Fost il-poeżiji l-inqas magħrufa tagħha nsibu l-poeżija 'In-Nadur'. Meilak tikteb din

1 Ġużè Muscat Azzopardi, *Nazju Ellul*, 1909, (ris. Kabb Kotba Maltin, Valletta, 2013), 205.

2 Oliver Friggieri, *Il-Poeżija Maltija*, 1996, (ris. Malta University Publishers, Msida 1999) x.

il-poeżija b'veduta mill-isbaħ minn Triq Xandriku, li minnha tidher ħafna mill-gżira ta' Għawdex, kif ukoll il-fliegu, b'Kemmuna u Malta. Jista' jkun li din kienet ix-xena li ddeskriva wkoll Muscat Azzopardi f'*Nazju Ellul* meta rrefera għas-'setaħ li minnu kien jidher il-wied kollu ta' taħt dak ir-raħal.' Din hija l-poeżija ta' Meilak:

In-Nadur

L-ewwel darba li jien rajtek,
Triq Xandriku, 'l qalbi sraqtli,
int saħħartni, int ġennintni,
int għaġġibtni u moħħi ħadtli!

Kif minn ħoġrok mort nittawwal,
għaqli kollu f'xibka nqabad,
ma xtaqtx illi l-pass inħarrek
u ma ridtx ninżel ir-Rabat.

Fejn il-ġmiel ta' dik id-dehra
kullimkien kifes, sar ikrah,
għidli, għidli, Triq Xandriku,
x'hemm f'wiċċ Għawdex minnek isbaħ?

Mhux is-sengħa tal-imgħallma,
mhux bil-bini mżejjen, le!
Imma b'dak li l-ħolqien sawrek,
Qed tittawwal fuq Xambrè.

Friskatur iġġib blat taħtek,
ġo fih baħar ikħal nir,
U Kemmuna tgħum ġo nofsu
U jien fuqha qed intir.

Għax kont qisni għasfur hieni,
xi gawwija ta' Kemmuna,
jien stħajjiltni fuq il-Fliegu
qisni qiegħda ġo tribuna.

Triq Xandriku, x'ħin nittawlu
ħdejn in-niċċa tal-Madonna,
dritt naħsbuna li sefirna
u m'għadniex ġol-art li konna![3]

3 Karm Caruana, *In-Nadur u t-Tempju Monumentali Tiegħu*, (Nadur, 1953), 17-18.

'Is-seħer tal-ħolqien imfisser minn Meilak', jikteb Oliver Friggieri, 'hu dokument tas-sliem li hi nnifisha ġġarrab u tixtieq troddu f'verżjoni versifikata.'[4] Jidher li hija kitbet il-poeżija mill-perspettiva ta' Triq Xandriku, eżattament minn ħdejn in-niċċa tal-Madonna ta' Lourdes, li inċidentalment tiġi qrib tad-dar fejn kien jgħix il-Kan. Karm Caruana li fil-ktieb tiegħu dehret dil-poeżija.[5] Fid-dawl ta' dak li kiteb Friggieri, lil Meilak ma jolqothiex il-bini, sabiħ kemm hu sabiħ, imma s-seħer tal-ħolqien:

Mhux is-sengħa tal-imgħallma,

mhux bil-bini mżejjen, le!

Imma b'dak li l-ħolqien sawrek,

Qed tittawwal fuq Xambrè.

Ma setax wieħed li jinnota d-dettal ma jinnotax ukoll il-pożizzjoni strateġika tal-għolja tan-Nadur, li kif jgħid il-motto tagħha, huwa 'Vigilat' – jgħasses. Għalhekk Meilak tiddeskrivi lin-Nadur bħala dak li qed jittawwal fuq Xambrè (il-belt ta' Chambray), saħansitra jittawwal hu stess fuq fortizza għax għandu pożizzjoni aktar vantaġġjuża minnha.

Meilak hija kkunsidrata bħala poetessa romantika, anke jekk ir-romantiċiżmu fil-bqija tal-Ewropa kien ilu li għadda żmienu. Imma Mary tħoss ir-romantiċiżmu ta' post bħal dan u daqslikieku qed tiddjaloga ma' maħbub tagħha, li huwa Triq Xandriku ippersonifikat: 'l qalbi sraqtli' u 'minn ħoġrok mort nittawwal.' Id-dettalji min-natura huma l-aktar li jolqtuha:

4 Oliver Friggieri, *L-Istorja tal-Poeżija Maltija*, (PIN, Malta 2001), 72.
5 Caruana, op. cit.



Il-lok tan-niċċa tal-Madonna - Triq Xandriku li minnha ispirat ruħha il-poeżija ta' Mary Meilak

'Friskatur iġġib blat taħtek,

ġo fih baħar ikħal nir,

u Kemmuna tgħum ġo nofsu,'

Tant ħassitha milquta minn dik id-dehra, li tirrikorri għall-użu tal-iperbola, jew l-esaġerazzjoni, meta tuża frażijiet bħal: 'int saħħartni, int ġennintni, / int għaġġibtni u moħħi ħadtli!', kif ukoll 'x'hemm f'wiċċ Għawdex minnek isbaħ?'



Ġorġ Pisani

**Ġorġ Pisani (1909 – 1999)**

Poeta Għawdxi ieħor li għamel isem fuq livell nazzjonali huwa Ġorġ Pisani. Pisani li twieled fis-6 ta' Mejju 1909 u miet fl-24 ta' Frar 1999, bħal Mary Meilak, kien mir-Rabat. Kien għalliem u aktar tard kien ukoll jaħdem mas-servizz ċivili. Għalih, 'in-natura veġetattiva u sensittiva hi meqjusa bħala aspett ewlieni tal-kwadru kollu li jissawwar jekk il-pajjiż hu milqugħ fih innifsu, bħala tali.' Għalhekk huwa l-poeta li 'bħallikieku jrid jagħti lill-gżira tiegħu kulma ma ngħatatx matul l-istorja.'[6] Fost il-ħafna poeżiji tiegħu, hawnhekk se nġibu dik bl-isem ta' 'San Blas':

San Blas

Kollox kwiet u sabiħ fil-bajja rżina

fejn is-smewwiet u l-baħar daħkanija

bl-imħatra min ilibbes bl-oħla żina

ix-xtajta kollha xemx, bint is-sbuħija.

Minn qalb xi siġra tal-lanġas jew tina

tara d-dgħajjes ħerġin bil-frott mgħobbija

sejrin jitfgħu fi ħdan Malta ħanina

xi ftit mill-benna tal-ħlewwiet Għawdxija.

Minn ġewwa l-baħar u minn qalb ir-raba'

ħierġa bħal fewġa li tgħaxxik bil-ħlewwa,

fewġa bil-fwieħa ta' mitt siġra tqila.

U n-Nadur kburi b'dik il-koppla twila

iħares fuq San Blas, ħabiba ta' ġewwa,

jitlob lis-sema snin ta' frott bix-xaba'.

6 Friggieri 2001, 73.



Ix-xtajta ta' San Blas - 'bint is-sbuħija'

Jekk wieħed jifli l-mod ta' kif Pisani jiddeskrivi l-ambjent topografiku tal-post, ikollu jikkonkludi li l-poeta kiteb dan is-sunett jew fuq il-post, jew inkella ftit biss wara li żaru u kien għadu frisk f'moħħu, għax kien milqut mid-'dgħajjes ħerġin bil-frott mgħobbija', sinjal tal-kummerċ ta' frott abbundanti li kien għad hemm lejn Malta dak iż-żmien u l-koppla tħares fuq il-bajja u l-wied. Lil ċerti fatturi naturali Pisani jagħtihom kwalitajiet antropomorfiċi, jew bħal tan-nies, bħas-'smewwiet u l-baħar daħkanija' u n-Nadur li 'jħares' fuq San Blas. L-abbundanza tal-wied fertili toħroġ b'antropomorfiżmu ieħor, meta jiddeskrivi 'mitt siġra tqila,', il-mija li huwa numru ta' abbundanza, u 'tqila' li tista' tinftiehem bħala l-fertilità, bħal mara li se twelled ħajja ġdida.

L-istess bħal Meilak, Pisani jirromantiċizza dan il-kwadru meta jikteb li 'kollox kwiet u sabiħ fil-bajja rżina' u 'ħierġa bħal fewġa li tgħaxxik bil-ħlewwa.' Għalih l-ambjent naturali Malti u Għawdxi huwa idilliku, trankwill, abbundanti sal-punt tax-'xaba', u mimli ħlewwa. Interessanti kif Pisani jħossu milqut b'mod ħolistiku minn dan l-ambjent, hekk kif is-sensi kollha jikkontribwixxu għal esperjenza tassew integra. Is-sens tax-xamm huwa milqut mill-fwieħa, is-sens tal-ħass milqut mill-fewġa li tqanqal, is-sens tas-smigħ mill-kwiet, dak tat-togħma mill-ħlewwa tal-frott, u dak tal-ħars mill-koppla, mill-frott, mis-siġar u mix-xtajta milquta mix-xemx.

Fl-aħħar nett jidħol in-Nadur, b'xi mod ukoll ippersonifikat, li 'jitlob lis-sema snin ta' frott bix-xaba'', allura testment tal-fidi ta' Pisani u ta' dawk li jgawdu

u jiddependu min-natura għall-għajxien tagħhom. In-Nadur b'dik il-koppla li t-tul u l-arja tagħha fuq il-bqija tar-raħal u tal-gżira Għawdxija huwa dak li jolqot l-aktar lill-poeta. Tassew li l-Kan. Martin Camilleri, l-arċipriet li ħa ħsieb li jmexxi l-proġett tal-koppla kien qal li hekk kif toħroġ mill-Port il-Kbir u tibda toqrob lejn Għawdex bid-dgħajsa, l-ewwel ma jolqtok huwa s-salib tal-koppla arjuża u imponenti tan-Nadur, allura dan is-sens li Pisani jsejjaħlu 'kburi' – il-kburija li ħafna Nadurin ħassew u jħossu bil-lokalità tagħhom u bil-knisja. Issimbolizzat mill-koppla, li għadha sal-lum tiddomina x-xenarju kollu tan-Nadur, tħares minn fejn tħares lejh, in-Nadur iħares fuq San Blas. L-istess bħal Meilak, is-sens tal-ħarsien, il-'Vigilat', l-għassa, jerġa' joħroġ fid-dieher, issa mhux aktar għall-furbani Torok bħal fis-sekli ta' qabel, imma jħares fuq San Blas b'ħarsa ta' omm jew missier lejn ibnu, sabiex iġiblu r-risq, iseddqu u jitlob għalih biex ikompli jfur bl-abbundanza.

Fil-ġnien ta' San Blas, bix-xieraq, il-Kunsill Lokali tan-Nadur kien għażel li jikteb dan is-sunett fuq tabella li twaħħlet biex kull min iżuru jkun jista' jitgħaxxaq b'dawn il-versi, bħalma jitgħaxxaq b'dak li jkun qed jara u jħoss madwaru. Ikun xieraq ukoll li xi darba l-poeżija ta' Mary Meilak dwar Triq Xandriku, li tant kienet għal qalb il-Kan. Caruana li ppublikaha fil-ktieb tiegħu, titwaħħal x'imkien qrib il-monument tal-istess Caruana fil-lok li minnu tiġi spirata l-poeżija.

Fl-artiklu tal-ħarġa ta' *Luminaria* li jmiss se nkomplu nagħtu ħarsa lejn ismijiet oħrajn ta' persuni li kitbu dwar in-Nadur u poġġewh fil-kwadru tal-Letteratura Nazzjonali Maltija.







Cadillac Garage
Joe Camilleri

*Panel Beating*
*Spray Painting*
*Rust Treatment*
*Colour Matching*
*Car Bench*
*Chassis Alignment*

N.B. Qortin Str.,
Nadur, Gozo.

Tel: 2155 1640, 2156 1021
Mob: 9984 7071

ANTHONY'S FURNITURE
Għal kull xorta ta' xogħol fl-injam

*Jawgura l-festa t-tajba lin-Nadurin kollha.*

Phone: 2155 2251
Mobile: 9944 6107

"Mater Dolorosa"
Triq Ta' Grunju,
Nadur, Għawdex